TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 12/19/F

**Mary Muscat**

**vs**

**Lawrence Upholstery Cleaning – Lawrence Grech**

Illum 26 t'April, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Jannar, 2019 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf u mitejn ewro (€1,200), rappreżentanti prezz ta' drapp sabiex jiġi riprestinat id-drapp fuq is-sufan li spiċċa bit-tebgħa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kellha sufan antik u jidher li daħlilha qattus minn barra u għamel l-awrina u affarijiet oħrajn fuq is-sufan tant illi għamel tebgħa u kellha ovjament l-irwejjaħ. Għalhekk ir-rikorrenti ingaġġat lill-intimat sabiex ineħħi t-tebgħa u jneħħi l-ħmieġ, fejn jidher li l-ħmieġ ġie rranġat, pero' t-tebgħa baqgħet hemm.

L-intimat issottometta li hu kien ġie ingaġġat sabiex jiprova jneħħi l-irwejjaħ u l-ħmieġ, pero' rnexxielu biss ineħħi l-irwejjaħ u jnaddaf fejn kien hemm it-tebgħa. Hu qed jiddikjara li allura peress illi hi ma kinitx kuntenta rrifondiha l-flus lura tax-xogħol li għamel, pero' t-tebgħa dejjem kienet hemm mill-bidu, u t-tebgħa ma rnexxilux ineħħiha, għalkemm irnexxielu jnaddafha.

It-Tribunal, jinnota illi huwa minnu li l-intimat naddaf it-tebgħa u naddaf iż-żona fejn kien hemm il-ħmieġ, pero' jirriżulta wkoll illi t-tebgħa baqgħet hemm. It-Tribunal, jinnota pero' li t-tebgħa kienet diġa' hemm qabel ma sar l-intervent u ta l-flus lura lir-rikorrenti u r-rikorrenti aċċettat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, stante li għalkemm l-intimat naddaf, it-tebgħa kienet hemm u baqgħet hemm anke wara, u hi aċċettat il-flus lura minħabba li ilmentat fuq ix-xogħol, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888